MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 66/2004

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Peter u Pauline konjugi Abela – (ID 13949M u 312748M rispettivament) u b'digriet tat-Tribunal tal-14 ta' Mejju, 2004 l-atti koncernanti Peter Abela gew trasfuzi f'isem Graziella Chetcuti u Fiona Zahra, b'digriet tat-Tribunal tad-9 ta' Frar, 2004 giet kjamata fil-kawza Tiziana Sultana u b'digriet tat-Tribunal tal-10 ta' Jannar, 2006 gie revokat contrario imperio d-digriet tad-9 ta' Frar, 2004**

### It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija w erbgha w erbghin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm344.67c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 676023.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha wiegbu illi t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u illi m'humiex il-legittimi kontradditturi.
Ra n-Nota ta' Ammissjoni pprezentata fl-10 t'Ottubru, 2006 li permezz taghha l-konvenuti jammettu t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fl-Avviz promotur.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett mija w erbgha w erbghin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm344.67c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------